MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 383/2015

**GO plc**
**C22334**

**vs**

**Borg Stephen (ID348280-M)**

**u b'digriet mghoti fit-3 ta' Lulju 2015**

**giet kjamata in kawza**

**Borg Tanya (ID389282-M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf, mitejn, sitta u sittin ewro, disgha u ghoxrin centezmi (€1,266.29c) liema ammont huwa in konnessjoni

mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40158337 moghtija mis-Socjeta’ attrici skond l-annessi dokumenti mmarkati Dok.‘IZY1’ u Dok.‘IZY2’ – prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok.‘IZY3’ – estratt mir-Registru Elettorali, u Dok.‘IZY4’ – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba u li gew immarkati minn Dok.‘IZY1’ sa ‘IZY4’.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Lulju, 2015, li in forza tieghu gie ddikjarat illi deheret ghal din is-seduta mart il-konvenut, Tanya Borg; ra t-talba tas-Socjeta’ attrici, verbalizzata f’din l-udjenza, fejn talbet illi tigi kjamata ‘n kawza mart il-konvenut; ra d-digriet tieghu, li permezz tieghu din it-talba giet milqugha; ra inoltre illi l-kjamata ‘n kawza ddikjarat illi ma kienitx ser tikkontesta l-kawza

ghaliex l-ammont mitlub mis-Socjeta' attrici huwa dovut, u li ghalhekk kienet ser tammetti t-talba.

Semgha d-deposizzjoni guramentata tal-kjamata in kawza li ddikjarat illi l-konvenut huwa zewgha, u li l-ammont mitlub f'din il-kawza huwa fil-fatt dovut. Illi ddikjarat ukoll illi hi u zewgha ghaddejjin bi proceduri ta' separazzjoni personali bejniethom, izda li dawn ghadhom mhux konkluzi.

Ikkunsidra,

Illi skont id-deposizzjoni li nghatat mill-kjamata in kawza rrizulta illi hi mizzewga lill-konvenut, u li hemm ghaddejjin bejniethom proceduri ta' separazzjoni personali, li madanakollu, ghadhom pendenti. Illi dwar id-debitu tal-konvenut mas-Socjeta' attrici, il-kjamata 'n kawza ddikjarat illi hi taf dwarhom u li dan l-ammont huwa dovut, u li hemm ftehim informali bejnha u zewgha illi dan id-debitu jithallas minnha. Illi fid-dawl ta' tali ammissjoni da parti tal-kjamata 'n kawza ghat-talba tas-Socjeta' attrici, u in vista tal-fatt illi l-konvenut naqas milli jidher ghas-seduti sabiex jikkontesta t-talba attrici, allura t-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenut u l-kjamata in kawza, solidalment bejniethom, responsabbli ghal tali debitu.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut u lill-kjamata in kawza, solidalment bejniethom, ihallsu lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf,

mitejn, sitta u sittin ewro, disgha u ghoxrin centezmi (€1,266.29c), bl-imghax kif mitluba.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut u l-kjamata in kawza, solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------